# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2001**

**Numru 2**

**Citaz. numru: 1159/90 M1 NA**

**Gabriel Pellegrini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Co. Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Valletta Motor Company Ltd.**

**vs**

**Joseph Hili ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd. f'isem l-istess socjeta' proprja kif ukoll f'isem l-istess socjeta' bhala agent u in rapprezentanza tas-socjeta' u/jew enti estera Losinjska Plovidba**

**U**

**Godwin Abela u Alfred Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Co. Ltd."**

**Il-Qorti,**

B'citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici gie premess:

Illi gew ittrasportati minn Koper ghal Malta mitt (100) karozza tal-marka Skoda, destinati lis-socjeta' Valletta Motor Company Ltd. permezz tal-vapur Beli li huwa operat u/jew li taghha huma armaturi jew proprietarji s-socjeta' jew enti konvenuta "Losinjska Plovidba" u li taghha huwa agent il-konvenut Hili noe kif jirrizulta mill-poloz tal-karku relattivi li gew esebiti bhala Dokumenti "A" u "B";

Illi wara li l-merkanzija waslet Malta fil-25/26 ta' Ottubru 1989, l-istess merkanzija nhattet mill-konvenuti nomine u tqieghdet fil-kura u/jew kustodja u/jew pussess tal-konvenuti Abela et nomine.

Illi meta l-merkanzija giet irtirata rrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet u hsarat u bhala rizultat is-socjeta' Valletta Motor Company Ltd. sofriet danni;

Illi s-socjeta' assikuratrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni billi hallset lis-socjeta' Valletta Motor Company Ltd. is-somma

ta' elf hames mija w erbatax-il lira Maltin u sitt centezmi (Lm1514.06) u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess Valletta Motor Company Ltd., kif jidher mis-surroga li qed tigi esebita bhala Dokument "C";

Illi ghan-nuqqasijiet u hsarat u konsegwenzjali danni huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom minhabba negligenza u/jew inadempjenza fl-obbligi taghhom;

Illi l-konvenuti nomine, ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni baqghu inadempjenti;

TALBET li din il-Qorti, in vista tal-premess:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet, hsarat u danni fuq imsemmija;

2. tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' elf hames mija w erbatax-il lira Maltin u sitt centezimi (Lm1514.06) jew ammont verjuri li joghgobha tillikwida din il-Qorti;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur nomine kif surrogat fid-drittijiet ta' Valletta Motor

Company Ltd. l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti nomine li minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Fl-4 ta' Novembru 1990 is-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited ipprezentat l-eccezzjonijiet taghha fejn eccepiet:

1. in-nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-Qorti tal-Kummerc stante li l-partijiet ftiehmu fuq gurisdizzjoni Jugoslava skond il-poloz tal-kariku tal-merkanzija in kwistjoni;

2. illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat allegati;

3. illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-responsabbilita' ta' l-eccipjenti hija limitata skond il-poloz ta' kariku;

4. salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited pprezentat l-eccezzjonijiet taghha fil-15 ta' Novembru 1990 fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-merkanzija *de quo* minghajr rimarki kif jirrizulta mill-Gate Pass Out numri 126021 u 126029 datata 27 ta' Ottubru 1989.

B'sentenza tal-24 ta' Ottubru 1991 din il-Qorti ddecidiet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Hili nomine fejn iddikjarat ruhha inkompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u t-tielet talba attrici filwaqt li ddikjarat ruhha kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici u cioe' dik rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni subiti.

B'digriet tal-14 ta' Jannar 1992 din il-Qorti, diversament presjeduta nnominat lill-Dr. Marco Griscti bhala Perit Legali.

Il-Perit Legali pprezenta r-rapport tieghu fl-14 ta' Gunju 1996 liema rapport pero' gie biss mahluf fis-seduta tat-8 ta' April 1997. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-30

ta' Mejju 1997 fejn il-kawza giet ittrattata mid-difensuri tas-socjeta' attrici u tas-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd.  Id-difensur tas-socjeta' attrici talab, u gie lilu koncess, il-fakolta' li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet. Din in-nota pero' baqghet ma saritx minkejja illi z-zmien gie estiz u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok ir-rapport tal-Perit Legali huwa ftit inkonsistenti. Huwa gustament forsi llimita ruhu ghat-tieni talba attrici li kienet dik tal-likwidazzjoni tad-danni pero' anke jekk dan kien l-inkarigu limitat tieghu (u dan din il-Qorti sejra tiddecidih aktar tard f'din is-sentenza) id-danni li kellhom jigu likwidati minnu kienu d-danni totali u dan minghajr ma jidhol fil-kwistjoni ta' dak li gie ppruvat mill-attur nomine li kienu d-danni kkagunati minn xi wiehed mill-konvenuti.

Is-sentenza parzjali tal-Qorti tal-Kummerc kienet probabbilment ir-raguni l-ghala l-istess Perit Legali pproceda bil-mod kif ipproceda minkejja illi fin-nomina tieghu l-inkarigu ma kienx gie bl-ebda mod ristrett (ara d-digriet tal-14 ta'

Jannar 1992 a fol. 58 tal-process). Il-Qorti tal-Kummerc pero' fid-decizjoni taghha "*Tiddeciedi billi tirrespingi l-ewwel eccezzjoni kif sollevata mill-konvenut Hili nomine dwar in-nuqqas ta' gurisidzzjoni assoluta filwaqt li tilqaghha biss in parte u limitatament ghat-talba attrici in kwantu diretta ghall-potenzjali kundanna tal-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur nomine dawk id-danni li ghalihom jistghu jkunu responsabbli u u dan billi tiddikjara ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet bin-numri 1 u 3 fic-citazzjoni, u billi ghalhekk ukoll hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici, thalli l-kawza ghas-seduta li jmiss ghall-provi relativi tal-partijiet*" - tat l-impressjoni li hija kienet inkompetenti li tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tielet talba attrici fil-konfront <u>taz-zewg konvenuti</u>. (Is-sottolinear huwa tal-Qorti). Dan ma setax kien minnu. L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza taghha giet sollevata biss mill-konvenut Hili nomine u mhux mill-konvenut l-iehor u dan apparti mill-fatt illi c-cirkostanzi legali li wasslu lill-Qorti tal-Kummerc ghad-decizjoni parzjali taghha kienu cirkostanzi ezistenti biss bejn l-attur u l-konvenut Hili nomine filwaqt illi bejn l-attur u l-konvenut l-iehor il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti ma kenitx u ma jidhirx illi b'xi mod setghet tkun ikkontestata.

Maghmulha dawn il-premessi jirrizulta mill-provi (ara l-Cargo Receipt a fol. 22 tal-process u l-Joint Tally Sheets a fol. 23 u 24 ta' l-istess process) illi l-merkanzija meritu ta' din il-kawza giet moghtija mill-agent tal-vapur lis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Co. Ltd." f'kundizzjoni tajba u minghajr hsara. Is-*survey* invece maghmul mis-socjeta' attrici (Dokument "1A1" et a fol. 100 *et sequitur* tal-process) gew indikati diversi hsarat fl-istess vetturi li fuqhom hija bbazata t-talba attrici odjerna. Dan nonostante l-Gate Pass Out mahruga fl-istess data (fol. 30 tal-process) tindika li l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-agenti lokali Valletta Motor Company Ltd. "*in good order and condition*". Huwa minnu dak li sostna d-difensur tas-socjeta' attrici fit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti illi l-prova permezz tal-Gate Pass Out hija biss prova *prima facie*, prova *juris tantum* u mhux *juris et de jure* li tista' tigi kumbattuta bi provi kuntrarji. Hija pero' prova nonostante li trid tigi ribattuta fil-grad rikjest mil-ligi partikolarment meta l-principju generali huwa li min jallega (f'dan il-kaz is-socjeta' attrici) trid tipprova.

Dwar dan il-konflitt fil-provi l-Perit Legali korrettement osserva illi fuq il-karozzi in kwistjoni gew skoperti hsarat immedjatament mis-*survey* meta kienu ghadhom hergin mill-

port, fil-waqt illi hsarat ohra gew skoperti wara li l-karozzi nhaslu u gew "*dewaxed*" fli stores tal-Valletta Motors Co. Ltd. li skond ix-xhud Richard Caruana probabbilment sar bejn Dicembru tal-1989 u Mejju tal-1990 u ghalhekk bejn xahar u nofs u erba' xhur u nofs wara li waslet il-merkanzija. Il-Perit Leglai ghalhekk deherlu illi dwar l-ewwel kategorija ta' danni "*22. Hu minnu wkoll li xejn minn dan ma rrizulta mill-joint tallying li sar mill-Cargo Handling u mill-agenti tal-vapur u l-istess xejn ma jirrizulta mill-gate pass out, pero' l-esponenti jissottometti li l-prova tas-survey hi bizzejjed biex tiskardina l-prezunzjoni sollevata mit-tally sheets u l-gate pass out, stante li s-survey sar waqt li l-karozzi kienu hergin mill-post u fil-mument li s-socjeta' Cargo Handling kienet qed tikkonsenjahom lil Valletta Motor Company Limited.*" filwaqt illi dwar il-hsarat l-ohra invece deherlu "*26. L-esponenti jissottometti li ma ngiebet ebda prova konvincenti li tista' tattribwixxi r-responsabbilita' ghal dawn il-hsarat lil xi wiehed mill-konvenuti. Infatti jirrizulta mix-xhieda ta' Richard Cachia, manager ma' Valletta Motor Company Ltd. illi l-hsarat gew skoperti bejn Dicembru 1989 u Marzu 1990, cioe' bejn xahar u nofs/erba' xhur wara li l-vetturi gew konsenjati lil Valletta Motor Company Limited mis-socjetajiet konvenuti.*". Mill-ammont komplessiv mitlub is-somma ta' Lm326.69 hija l-

istima ghall-ewwel kategorija ta' hsarat filwaqt illi l-bilanc ta' Lm1187.37 tirreferi ghall-hsarat l-ohra.

Il-Qorti trid ta' bilfors tikkondividi din il-konkluzzjoni tal-Perit Legali fejn mill-banda l-wahda l-attur qieghed isostni li pprova li sofra dawn il-hsarat b'*survey* maghmul wara li ghadda certu zmien li fih il-karrozzi kienu fil-kustodja ta' l-assigurat tieghu meta kontra din l-allegazzjoni hemm il-provi msemmija aktar kmieni f'din is-sentenza.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax taqbel mar-ragunament tal-Perit Legali fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni. Ma gie bl-ebda mod ikkontestat illi s-socjeta' attrici effettivament hallset lill-assigurat taghha r-*retail price* ghall-*parts* neqsin jew danneggjati u mhux il-*cost price* taghhom. Dan ghalhekk huwa d-dannu reali w attwali soffert mis-socjeta' attrici li ghandha kull trid tirriklamahom.

Din il-kawza hija ghalhekk finalment deciza u dana ghar-ragunijiet fuq moghtija billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Co. Ltd." u wkoll limitatament fl-ammont fuq likwidat u:

1. tiddikjara lil din is-socjeta' responsabbli ghan-nuqqasijiet, hsarat u danni sofferti;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u sittin centezimu (Lm326.69);

3. tikkundanna lil din is-socjeta' konvenuta biex thallas lill-attur nomine kif surrogat fid-drittijiet ta' Valletta Motors Co. Ltd. l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni u dana bl-imghax legali mid-data tas-surroga u cioe' mis-16 ta' Lulju 1990.

In vista tad-decide l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu zewg terzi (2/3) mis-socjeta' attrici u terz (1/3) mis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Co. Ltd.".

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.